# L-Esperjenza tiegħi bħala President tal-Ekoskola fi ħdan St. Francis Secondary School, Sliema.

Il-programm tal-Ekoskola fi ħdan St.Francis Secondary School, Sliema, joffri l-opportunita' lill-istudenti kollha li jingħaqdu fi ħdanu sabiex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom f` *team work*, *leadership*, *community work*, u bosta oqsma umani, soċjali u ambjentali oħrajn.

Fi ħdan dan il-kumitat, l-istudenti jitgħallmu japprezzaw li, sabiex komunita' tikber b'saħħitha, hemm bżonn li l-membri fi ħdanha jħarsu lejn il-persuni li jiffurmawha b'mod ħolistiku, b'mod aktar sħiħ, kif ukoll jitgħallmu japprezzaw, iħarsu u jiżviluppaw l-ambjent ta' madwarhom (uman, soċjali u fiżiku) b'mod sostenibbli. Dan huwa rifless fl-'EcoCode' tal-iskola tagħna, li juri l- valuri li jħaddan dan l-istess kumitat.

Li tkun tagħmel parti minn dan il-kumitat, joffrilek bosta opportunitajiet, fosthom li tkun tista' tgħin u toffri minn ħinek għal ħaddieħor, li tagħti l-kontribut tiegħek lis-soċjeta', li flimkien ma' sħabek titgħallem il-loġistika ta' kif torganizza bosta attivitajiet differenti, eċċ. Ta' min isemmi li dawn l-attivitajiet li jiġu organizzati minn dan il-kumitat huma kollha għal għanijiet filantropiċi jew biex intejbu l-ambjent tal-iskola.

Personalment, nista' ngħid li din l-esperjenza tgħin lill-persuna tikber kemm fl-aspett morali u psikoloġiku kif ukoll f'dak soċjali, għaliex il-persuna titgħallem tassumi bosta responsabbiltajiet kif ukoll sens ta' dmir u ta' rispett. Apparti minn hekk, hija esperjenza li tagħti ħafna lura għaliex is-sodisfazzjon miksub minnha huwa wieħed kbir.

Barra milli titgħallem mill-esperjenzi differenti li wieħed jiltaqa' magħhom, din l-esperjenza tgħin ukoll sabiex tagħmel differenza tassew fil-ħajja tan-nies, filwaqt li timmeljora u tavvanza aktar l-ambjent tal-iskola u dak li jiċċirkondana lkoll. Għallhekk inti tkun ħallejt l-impatt tiegħek fuq l-iskola għaliex tħalliha aħjar milli tkun sibtha b' dak li tkun kapaċi twettaq fiha.

Għalija u għal sħabi din l-esperjenza offriet ukoll esperjenzi speċjali, fosthom summits, sehem fl-attivitajiet taċ-CHOGM, seduta parlamentari, *Milied Li Jimla l-Qlub* u bosta attivitajiet oħrajn li organizzajna fl-iskola. Dawn ilkoll għenu biex aħna kbirna u mmaturajna flimkien, sirna iżjed kunfidenti u responsabbli, tgħallimna nitkellmu u nisimgħu, u ħadna ħafna ħiliet importanti li żgur se nużaw issa li tlaqna mill-iskola.

Għalhekk nistedinkom sabiex tabilħaqq tingħaqdu fi ħdan dan il-kumitat għaliex l-opportunitajiet li tingħataw ikunu tassew ċans ta' darba!

**Maria Aquilina,**
**President tal-Kumitat tal-EkoSkola,**
**St Francis Secondary School, Sliema.**